**A.L. tal-2020**

**ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)**

**ATT DWAR GVERN LOKALI (KAP. 363)**

**ATT DWAR IL-KOMPETIZZJONI (KAP. 379)**

**Regolamenti tal-2020 dwar Qafas ta’ Responsabbiltà Estiża tal-Produttur**

Draft

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, l-artikolu 72 tal-Att dwar Gvern Lokali, u l-artikolu 33(2) tal-Att dwar il-Kompetizzjoni, il-Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u Gvern Lokali, u l-Ministru għat-Turiżmu u Protezzjoni tal-Konsumatur, wara konsultazzjoni mal-Bord tal-Gvernaturi, għamlu r-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

**1.** It-titolu ta’ dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2020 dwar Qafas ta’ Responsabbiltà Estiża tal-Produttur.

Kamp ta’ applikazzjoni.

**2.** (1) Dawn ir-regolamenti jagħtu effett lill-Artikoli 8 u 8a tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta’ Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/851 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Mejju 2018 li temenda d-Direttiva 2008/98/KE dwar l-Iskart.

(2) Dawn ir-regolamenti jipprovdu qafas għal skemi ta’ responsabbiltà estiża ta’ produtturi u għandhom ukoll japplikaw għal skemi ta’ responsabbiltà estiża stabbiliti permezz ta’ leġislazzjoni sussidjarja oħra taħt l-Att dwar il-Potezzjoni tal-Ambjent, b’mod partikolari ir-Regolamenti dwar l-Immaniġġjar ta’ Skart (Vetturi fi Tmiem Żmienhom), ir-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart, ir-Regolamenti dwar Maniġġjar ta’ Skart (Batteriji u Akkumulaturi) u r-Regolamenti dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart (Taġġmir Elettriku u Elettroniku).

Cap. 549. S.L. 549.36 S.L. 549.43 S.L. 549.54 S.L. 549.89

(3) L-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi għandha taħdem f’koperazzjoni mal-Aġenzija għall-Irkupru tar-Riżorsi u Riċiklaġġ,

id-Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-Awtorità ta' Malta dwar il-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur, fit-twettiq tar-responsabbiltajiet tagħha stabbiliti taħt dawn ir-regolamenti biex tiżgura li jinkisbu l-miri ta' dawn ir-regolamenti.

Tifsir.

**3.** (1) F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtiġx xort'oħra:

L.S. 595.28

"l-Aġenzija" tfisser l-Aġenzija għall-Irkupru tar-Riżorsi u Riċiklaġġ stabbilita bl-Ordni li Jwaqqaf l-Aġenzija għall-Irkpru tar-Riżorsi u Riċiklaġġ;

Kap. 549.

"l-Att" tfisser l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent;

"Awtorià" jew "awtorità kompetenti" tfisser l-Awtorità stabbilita bl-artikolu 6 tal-Att;

"Kumitat Konsultattiv dwar ir-Responsabbiltà Estiża ta' Produttur" jew "Kumitat Konsultattiv dwar l-EPR" tfisser il-kumitat stabbilit taħt ir-regolament 5;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru kif imfisser fl-artikolu 2 tal-Att;

"organizzazzjoni ta' responsabbiltà ta' produttur" jew "PRO" tfisser organizzazzjoni li timplimenta l-obbligi ta' responsabbiltà estiża ta' produttur f'isem il-produtturi li huma membri tal-organizzazzjoni;

"produttur ta' prodott" jew "produtturi ta' prodotti" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika li professjonalment tiżviluppa, timmanifattura, tipproċessa, tittratta, tbiegħ jew timporta prodotti speċifiċi;

"skema ta' responsabbiltà estiża ta' produttur" tfisser sett ta' miżuri, inklużi miżuri leġiżlattivi ppromulgati taħt l-Att, leġiżlazzjoni nazzjonali jew tal-Unjoni Ewropea, biex tiżgura li l-produtturi ta' prodotti jieħdu fuqhom ir-responabbiltà finanzjarja jew responsabbiltà finanzjarja u organizzattiva għall-immaniġġjar tal-istadju ta' skart taċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodott.

L.S. 549.63

(2) It-termini l-oħra kollha għandu jkollhom l-istess tifsira li tingħatalhom fir-Regolamenti dwar l-Iskart.

Responsabbiltà estiża ta' produttur.

**4.** (1) Sabiex jissaħħaħ l-użu mill-ġdid u l-prevenzjoni, riċiklaġġ u l-irkupru mod ieħor ta' skart, il-Ministru jista' jieħu miżuri jew leġiżlattivi jew mhux leġiżlattivi biex jiżgura li kull produttur ta' prodott ikollu responsabbiltà estiza ta' produttur.

Iżda, meta japplika r-responsabbiltà estiża ta' produttur, il-

Draft

Ministru għandu jqis il-fattibilità teknika u l-vijabilità ekonomika u l-impatti kollha ambjentali, tas-saħħa pubblika u soċjali, li jirrigwardaw il-ħtieġa li jiġi żgurat il-funzjonament kif suppost tas-suq intern.

(2) Ir-responsabbiltà estiża ta' produttur għandha tiġi applikata mingħajr preġudizzji għar-responsabbiltà għall-immaniġġjar tal-iskart kif previst fir-regolament 12(1) tar-Regolamenti dar l-Iskart u mingħajr preġudizzju għall-iskart eżistenti li hu marbut mal-flussi speċifici jew mal-prodott speċifiku tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew nazzjonali. L.S. 549.63

(3) Fil-każ tal-introduzzjoni tal-miżuri msemmija fis-subregolament (1), l-ispejjeż tal-immaniġġjar tal-iskart għandhom jaqgħu kompletament fuq il-produttur tal-prodott li minnu ġie l-iskart:

Iżda d-distributuri ta' tali prodott jistgħu jikkondividu tali spejjeż.

(4) Meta l-miżuri msemmijin fis-subregolament (1) jinkludu l-istabbiliment ta' skemi ta' responsabbiltà estiża ta' produttur, inklużi dawk stabbiliti konformement ma' leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni jew nazzjonali, il-Ministru, f'konsultazzjoni mal-Awtorità u mal-Aġenzija, għandu:

(a) jiddefenixxi b'mod ċar ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-atturi rilevanti involuti, inklużi produtturi ta' prodotti li jqiegħdu prodotti fis-suq nazzjonali, organizzazzjonijiet ta' responsabbiltà ta' produtturi, operaturi privati jew pubbliċi ta' skart, awtoritajiet lokali u, fejn ikun xieraq, operaturi ta' użu mill-ġdid u ta' preparazzjoni għal użu mill-ġdid u intrapriżi ekonomiċi soċjali;

(b) konformement mal-ġerarkija dwar l-iskart, miri stabbiliti ta' mmaniġġjar ta' skart, li jimmiraw li jiksbu għall-inqas il-miri kwantitattivi rilevanti għal skema ta' responsabbiltà estiża ta' produttur, kif stabbilit fir-Regolamenti dwar l-Iskart, fir-Regolamenti dwar l-Immaniġġjar ta' Skart (Vetturi fi Tmiem Żmienhom), fir-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart, fir-Regolamenti dwar Maniġġjar ta' Skart (Batteriji u Akkumulaturi) u fir-Regolamenti dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart (Tagħmir Elettriku u Elettroniku), u jistabbilixxi miri kwantitattivi oħra u, jew miri kwalitattivi li huma kkunsidrati rilevanti għall-iskema ta' responsabbiltà estiża ta' produttur. S.L. 549.63 S.L. 549.36 S.L. 549.43 S.L. 549.54 S.L. 549.89

(ċ) jiżgura li jkun hemm sistema ta' rappurtaġġ biex

tiġbor *data* dwar il-prodotti li jitqiegħdu fis-suq intern mill-produtturi ta' prodotti soġġetti għal responsabbiltà estiża ta' produttur u *data* dwar il-ġbir u t-trattament ta' skart li jirriżulta minn dawk il-prodotti waqt li jispeċifika, fejn ikun xieraq, il-flussi tal-materjal tal-iskart, kif ukoll *data* oħra rilevanti għall-finijiet tal-monitoraġġ fuq il-miri msemmija fil-paragrafu (b);

(d) jiżgura trattament ugwali għal produtturi ta' prodotti, ikun x'ikun l-oriġini jew id-daqs tagħhom, mingħajr ma joħloq piż regolatorju disproporzjonat fuq produtturi, inklużi intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, ta' kwantitajiet żgħar ta' prodotti;

Iżda l-Awtorità għandha tiżgura li skemi ta' responsabbiltà estiża ta' produttur li jkunu ġew stabbiliti qabel l-4 ta' Lulju 2018, ikunu konformi mal-ħtiġiet ta' dawn ir-regolamenti sal-5 ta' Jannar 2023.

(5) Produtturi ta' prodotti stabbiliti fi-Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea u li jqiegħdu prodotti fis-suq nazzjonali jistgħu jaħtru persuna ġuridika jew fiżika stabbilita f'Malta bħala rappreżentant awtorizzat għall-finijiet tat-twettiq tal-obbligi tagħhom li jirrigwardaw kull skema ta' responsabbiltà estiża ta' produttur stabbilita f'Malta:

Iżda r-rappreżentant awtorizzat għandu josserva l-ħtiġiet tal-Awtorità, bħal ma huma l-ħtiġiet ta' reġistrazzjoni, informazzjoni u rappurtar.

(6) Il-Ministru jista', f'kunsultazzjoni mal-Awtorità u mal-Aġenzija, permezz ta' pubblikazzjoni fil-Gazzetta, jeħtieġ li produtturi ta' prodotti li jġibu magħhom responsabbiltajiet finanzjarji jew finanzjarji u organizzativi għall-immaniġġjar tal-istadju ta' skart taċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodott minn rajhom applikaw l-ħtiġiet, kollha jew uħud minnhom, imsemmijin f'dawn ir-regolamenti.

(7) L-Awtorità għandha tieħu l-miżuri neċessarji biex tiżgura li d-detenturi ta' skart immirati mill-iskemi ta' responsabbiltà estiża ta' produtturi stabbiliti skont is-subregolament (1) jiġu infurmati dwar miżuri ta' prevenzjoni ta' skart, ċentri għall-użu mill-ġdid u preparazzjoni għal użu mill-ġdid, sistemi ta' teħid lura u ġbir, u l-prevenzjoni ta' żibel:

Iżda l-Ministru għandu jieħu miżuri biex joħloq inċentivi għal detenturi ta' skart biex jassumu r-responsabbiltà tagħhom biex jwasslu l-iskart tagħhom f'sistemi separati ta' ġbir li jkunu fis-seħħ, speċjalment, permezz ta' inċentivi ekonomiċi u regolamenti.

Draft

(8) Il-Ministru, f'konsultazzjoni mal-Awtorità u l-Agenzija, jista' jieħu miżuri xierqa biex jinkoraġġixxi l-iddisinjar ta' prodotti u komponenti ta' prodotti sabiex inaqqas l-impatt tagħhom fuq l-ambjent u l-ġenerazzjoni ta' skart waqt il-produzzjoni u l-użu sussegwenti ta' prodotti, u sabiex jiżgura li l-irkupru u r-rimi ta' prodotti li jkunu saru skart isiru skont ir-regolamenti 4A u 4B tar-Regolamenti dwar l-Iskart. L.S. 549.63

Dawn il-miżuri jistgħu jinkoraġġixxu, *inter alia*, l-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti u komponenti ta' prodotti li huma adatti għal-użu multiplu, li jkun fikom materjal riċiklat, li jifilħu għall-istrapazz u jistgħu jissewwew faċilment u li huma, wara li jsiru skart, adatti għall-preparazzjoni għal użu mill-ġdid, u riċiklaġġ sabiex tiġi faċilitata l-implimentazzjoni xierqa tal-ġerarkija tal-iskart. Il-miżuri għandhom jieħdu f'kuniderazzjoni l-impatt ta' prodotti matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, il-ġerarkija tal-iskart u, fejn ikun xieraq, il-potenzjal għal riċiklaġġ multiplu.

Il-Kumitat Konsultattiv dwar ir-Responsabbiltà Estiża ta' Produttur.

**5.** (1) Il-Ministru għandu jwaqqaf Kumitat Konsultattiv dwar ir-Responsabbiltà Estiża ta' Produttur biex jaġixxi bħala konsulent għall-Awtorità.

(2) Il-funzjoni tal-Kumitat Konsultattiv tal-EPR tkun, *inter alia*, sabiex:

(a) jassisti lill-Awtorità biex jiżgura djalogu regolari bejn il-persuni interessati rilevanti involuti fl-implimentazzjoni ta' skemi ta' responsabbiltà estiża ta' produtturi, inklużi produtturi u distributuri, organizzazzjonijiet dwar responabbiltà ta' produtturi, operaturi ta' skart privati jew pubbliċi, awtoritajiet lokali, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u, fejn ikun applikabbli, atturi ekonomiċi soċjali, *networks* ta' użu mill-ġdid u tiswija u operaturi ta' preparazzjoni għal użu mill-ġdid;

(b) jassisti lill-Awtorità fi ħwejjeġ li jirrigwardaw l-osservanza ta' dawn ir-regolamenti minn produtturi ta' prodotti, u PROs, kif ukoll l-osservanza ta' skemi ta' responsabbiltà estiża ta' produtturi stabbiliti fuq livell nazzjonali jew tal-Unjoni Ewropea;

(ċ) jassisti lill-Awtorità biex tiżgura li produtturi ta' prodotti u PROs josservaw kompletament l-ħtiġiet minimi ġenerali għal skemi ta' responsabbiltà estiża ta' produtturi msemmija fir-regolament 6;

(d) jgħin f'investigazzjonijiet immexxija mill-Awtorità skont ir-regolament 7;

Draft

(e) jagħti parir lill-Awtorità dwar id-distribuzzjoni u l-allokazzjoni ta' Kunsill Lokali fost produtturi, jew, fejn l-obbligi ta' produtturi individwali għandhom jiġu osservati kollettivament, bejn organizzazzjonijiet ta' responsabbiltà ta' produtturi, meta l-iskemi ta' responsabbiltà estiża jeħtieġu li produtturi jew PROs għandhom jagħmlu l-arranġamenti neċessarji ma' Kunsilli Lokali għall-ġbir u l-immaniġġjar ta' skart; u

(f) jwettaq kull funzjoni addizzjonali li tista' minn żmien għal żmien tiġi assenjata lilu mill-Ministru f'konsultazzjoni mal-Awtorità.

(3) Il-Ministru għandu jappunta rappreżentanti biex iservu bħala membri tal-Kumitat Konsultattiv tal-EPR. Il-Kumitat Konsultattiv tal-EĠR għandu jkun kompost kif ġej:

(a) żewġ membri li jirrappreżentaw l-Awtorità dwar l-Ambjent u r-Riżorsi;

(b) membru wieħed li jirrappreżenta l-Aġenzija għall-Irkpru tar-Riżorsi u Riċiklaġġ;

(ċ) membru wieħed li jirrappreżenta d-Dipartiment tal-Gvern Lokali;

(d) membru wieħed li jirrappreżenta l-Awtorità ta' Malta dwar il-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur; u

(e) kull membru ieħor li l-Ministru jidhirlu xieraq.

(4) Il-Ministru għandu jaħtar *Chairperson* u Viċi *Chairperson* minn fost il-membri tal-Kumitat Konsultattiv tal-EPR hekk iżda li ċ-*Chairperson* ikun wieħed mill-membri elenkati fis-subregolament (3)(a).

(5) Il-Ministru għandu jappunta Segretarju għall-Kunitat Konsultattiv tal-EPR.

(6) Il-membri tal-Kumitat Konsultattiv tal-EPR għandhom jibqgħu fil-kariga għal tali perjodu, li ma jkunx iktar minn tlett snin, kif jista' jiġi speċifikat fl-ittra tal-ħatra tagħhom u jekk ma jiġix speċifikat ebda perjodu, għandhom jibqgħu fil-kariga għal tlett snin. Il-membri hekk maħtura jistgħu jiġu appuntati mill-ġdid għal perjodi oħra mill-Ministru meta jiskadi l-perjodu tal-ħatra tagħhom.

(7) Il-Kumitat Konsultattiv tal-EPR għandu jiltaqa mill-inqas għaxar (10) darbiet fis-sena, kemm fuq talba taċ-*Chairperson* tal-

Draft

Kumitat Konsultattiv tal-EPR kif ukoll fuq talba ta' xi żewġ membri tal-Kumitat Konsultattiv tal-EPR li jirrappreżentaw awtoritajiet differenti.

(8) F'kull laqgħa msemmija fis-subregolament (7), il-Kumitat Konsultattiv tal-EPR jista' jaġixxi minkejja l-assenza jew vakanza fost il-membri tiegħu sakemm ikun hemm *quorum* li jikkonsisti miċ-*Chairperson* jew Viċi *Chairperson*, u għall-inqas tliet membri oħra.

(9) Il-laqgħat tal-Kumitat Konsultattiv tal-EPR ikunu mmexxija miċ-*Chairperson* jew fl-assenza tiegħu mill-Viċi *Chairperson*.

(10) Il-membri li jikkostitwixxu l-Kumitat Konsultattiv tal-EPR ikollhom id-dmir konġunt li jiżguraw li l-funzjonijiet kollha tal-Kumitat Konsultattiv tal-EPR jitwettqu f'kollaborazzjoni mill-qrib u b'mod effiċjenti kemm jista' jkun skont ir-responsabbiltajiet imsemmija tagħhom.

(11) Il-Kumitat Konsultattiv tal-EPR għandu jirregola l-proċeduri tiegħu stess u l-Awtorità għandha tmexxi l-kordinazzjoni tal-proċeduri amministrattivi tal-Kumitat Konsultattiv tal-EPR.

**6.** (1) Kull produttur ta' prodott jew organizzazzjoni dwar responsabbiltà ta' produttur:

Ħtiġiet ġenerali minimi għal skemi ta' responsabbiltà estiża ta' produttur.

(a) għandu jkollhom kopertura definita b'mod ċar ġeografiku, ta' prodotti u materjal mingħajr ma jillimitaw iż-żoni għal dawk fejn il-ġbir u l-immaniġġjar ta' skart ikunu l-iktar ta' profitt;

(b) għandhom jipprovdu disponibilità xierqa għal sistema ta' ġbir ta' skart fiż-żoni msemmija fil-paragrafu (a);

(ċ) għandu jkollhom il-mezzi finanzjarji jew il-mezzi finanzjarji u organizzativi xierqa biex josservaw l-obbligi tagħhom ta' responabbiltà estiża ta' produttur;

(d) għandhom joħolqu mekkaniżmu adegwat ta' awtokontroll, appoġġjat, fejn ikun rilevanti, minn verifiki regolari indipendenti, sabiex jivvalutaw:

(i) l-immaniġġjar finanzjarju, inkluża l-osservanza tal-ħtiġiet stabbiliti fis-subregolament (3)(a) u (b); u

(ii) il-kwalità tad-*data* miġbura u rrappurtata skont ir-regolament 4(4)(ċ) u l-ħtiġiet tar-Regolament

Draft

(KE) Nru 1013/2006;

(e) għandhom jagħmlu pubblikament disponibbli informazzjoni dwar il-ksib ta' miri ta' maniġġjar ta' skart imsemmija fir-regolament 4(4)(b); u

(f) fil-każ ta' organizzazzjoni dwar responsabbiltà ta' produttur, għandha tagħmel pubblikament disponibbli wkoll informazzjoni dwar:

(i) is-sjieda u s-sħubija tagħha;

(ii) il-kontribuzzjinijiet finanzjarji mħallsa mill-produtturi ta' prodotti, membri tal-organizzazzjoni dwar responsabbiltà ta' produttur, dwar kull unità mibjugħa jew dwar kull tunnellata tal-prodott imqiegħed fis-suq; u

(iii) il-proċedura ta' selezzjoni għal operaturi ta' maniġġjar tal-iskar.

(2) L-għoti ta' informazzjoni lill-pubbliku msemmi fis-subregolament (1) għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-ippreservar tal-kunfidenzjalità ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva f'konformità mal-leġiżlazzjoini rilevanti tal-Unjoni Ewropea jew nazzjonali.

(3) Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa minn produttur ta' prodott biex josserva l-obbligi ta' responsabbiltà estiża ta' produttur:

(a) għandhom ikopru l-ispejjeż li ġejjin għall-prodotti li l-produttur iqiegħed fis-suq nazzjonali:

(i) spejjeż ta' ġbir separat ta' skart u t-trasport sussegwenti tiegħu u t-trattament, inkluż trattament neċessarju biex jintlaħqu l-miri ta' mmaniġġjar ta' skart, u spejjeż neċessaerji niex jintlaħqu miri u objettivi oħra kif imsemmi fir-regolament 4(4)(b), meta jitqies id-dħul mill-użu mill-ġdid, mill-bejgħ ta' materja prima sekondarja mill-prodotti tagħhom u minn drittijiet ta' depożitu mhux mħallsa lura;

(ii) spejjeż għall-għoti ta' informazzjoni adegwata lil detenturi ta' skart skont ir-regolament 4(7);

(iii) spejjeż ta' ġbir u rappurtar ta' *data* skont ir-regolament 4(4)(ċ).

(b) fil-każ ta' organizzazzjoni dwar responsabbiltà ta'

Draft

produttur, għandhom ikunu modulati, fejn ikun possibbli, għal prodotti individwali jew gruppi ta' prodotti simili, partikolarment billi jitqiesu kemm jifilħu strapazz, jistgħu jissewwew, jistgħu jiġu użati mill-ġdid, u jistgħu jiġu riċiklati u l-preżenza ta' sustanzi perikolużi, biex b'hekk jittieħed approċċ ta' ċiklu tal-ħajja u konformi mal-ħtiġiet stabbiliti bil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni Ewropea, u, fejn ikun disponibbli, ibbażati fuq kriterji armonizzati sabiex jiġi żgurat funzjonament tas-suq intern mingħajr xkiel; u

(ċ) m'għandhomx jeċċedu l-ispejjeż li huma neċessarji biex jiġu pprovduti servizzi ta' mmaniġġjar ta' skart b'mod li jħalli profitt. Dawn l-ispejjeż għandhom jiġu stabbiliti b'mod trasparenti bejn l-atturi kollha kkonċernati.

(4) Id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (3)(a) m'għandhomx jgħoddu għal skemi ta' responsabbiltà estiża ta' produttur stabbiliti konformement mar-Regolamenti dwar l-Immaniġġjar ta' Skart (Vetturi fi Tmiem Żmienhom), ir-Regolamenti dwar Maniġġjar ta' Skart (Batteriji u Akkumulaturi) u r-Regolamenti dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart (Tagħmir Elettriku u Elettroniku).

L.S. 549.36
L.S. 549.54
L.S. 549.89

Investigazzjonijiet.

**7.** (1) L-Awtorità, f'kollaborazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv tal-EPR, tista' tmexxi investigazzjoni fuq produttur jew PRO partikolari, inklużi investigazzjonijiet dwar tipi ta' ftehim partikolari. Matul l-investigazzjonijiet, l-Awtorità tista' titlob kull informazzjoni, inkluża informazzjoni finanzjarja, miżmuma minn awtoritajiet oħra kompetenti, produtturi, u PROs, fir-rigward ta' produtturi ta' prodotti u PROs, biex tiżgura li l-objettiv ta' dawn ir-regolamenti qed jintlaħaq. L-awtorità tista' twettaq kull spezzjoni neċessarja għal dak il-għan.

(2) L-Awtorità jkollha s-setgħa li tmexxi investigazzjonijiet minn rajha jew fuq talba tal-Ministru jew fuq allegazzjoni raġjonevoli ta' ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, minn persuna li tilmenta jew minn produttur ta' prodott jew minn PRO.

(3) Matul l-investigazzjoni, l-Awtorità tista' titlob lil kull produttur ta' prodott jew minn organizzazzjoni dwar responsabbiltà ta' produttur biex jagħtuha kull informazzjoni jew dokument li jkollhom li l-Awtorità għandha raġuni biex temmen li huma rilevanti għall-kwistjoni taħt investigazzjoni, f'tali żmien li l-Awtorità tista' tikkonsidra raġjonevoli fiċ-ċirkostanzi tal-investigazzjoni:

Iżda xejn f'dan is-subregolament ma għandu jinftiehem bħala li jawtorizza lill-Awtorità li tordna l-produzzjoni ta' xi dokument jew il-kxif ta' xi informazzjoni li jistgħu jkunu soġġetti

Draft

għad-dmir ta' segretezza professjonali.

(4) Meta tibgħat talba għal informazzjoni lil xi produttur ta' prodott jew lil organizzazzjoni dwar responsabbiltà ta' produttur, l-Awtorità għandha tispeċifika liema informazzjoni hi meħtieġa u tiffissa terminu ta' żmien li fih għandha tingħata l-informazzjoni:

L.S. 549.72

Iżda n-nuqqas li tiġi osservata din it-talba tista' tfisser responsabbiltà għal penali għal kull ġurnata skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar Multi għal kull Ġurnata dwar l-Ambjent.

(5) Meta produttur ta' prodott jew organizzazzjoni dwar responabbiltà ta' produttur jissottomettu informazzjoni, li jkun fiha sigrieti tan-negozju jew informazzjoni kunfidenzjali oħra, għandhom jgħoddu d-dispożizzjonijiet tar-regoloament 8.

Identifikazzjoni u protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali.

**8.** (1) Kull produttur ta' prodott jew organizzazzjoni dwar responsabbiltà ta' produttur li jissottomettu informazzjoni jew kummenti lill-Awtorità matul investigazzjoni għandhom jidentifikaw b'mod ċar kull materjal li huma jikkunsidraw bħala kunfidenzjali, waqt li jagħtu raġunijiet għal dan, u għandhom jipprovdu verżjoni mhux kunfidenzjali separata, fejn ikun applikabbli, qabel id-data stabbilita mill-Awtorità biex jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom.

(2) Mingħajr preġudizzju għas-subregolament (1), l-Awtorità tista' titlob persuni jew produtturi ta' prodott jew organizzazzjonijiet dwar responsabbiltà ta' produttur biex jissottomettu dokumenti konformement ma' dawn ir-regolamenti, biex jidentifikaw id-dokumenti jew partijiet ta' dokumenti li huma jikkunsidraw li fihom sigrieti tan-negozju jew informazzjoni kunfidenzjali oħra li tappartjeni lilhom u biex jidentifikaw persuni, produtturi ta' prodott, jew organizzazzjonijiet dwar responsabbiltà ta' produttur li għalihom tali dokumenti għandhom jiġu kkunsidrati bħala kunfidenzjali.

(3) L-Awtorità tista' timponi limitu ta' żmien li fih persuni, produtturi ta' prodott jew organizzazzjoni dwar responsabbiltà ta' produttur, jew xi korpi oħra għandhom:

(a) jissostanzjaw il-pretensjoni tagħhom fir-rigward ta' kull dokument individwali jew parti minn xi dokument, dikjarazzjoni jew parti minn tali dikjarazzjoni;

(b) jipprovdu lill-Awtorità verżjoni mhux kunfidenzjali tad-dokumenti jew dikjarazzjonijiet, li fihom partijiet kunfidenzjali jkunu mħassra; u

(ċ) jipprovdu deskrizzjoni konċiża ta' kull parti tal-informazzjoni mħassra.

Draft

(4) Fil-każ li persuni, produtturi ta' prodott jew organizzazzjonijiet dwar responsabbiltà ta' produttur jew korpi oħra jonqsu milli josservaw is-subregolamenti (1) and (2), l-Awtorità tista' tikkunsidra li d-dokumenti jew id-dikarazzjonijiet ikkonċernati ma fihomx informazzjoni kunfidenzjali u tista' konsegwentement tassumi li l-persuni, produtturi ta' prodotti, jew organizzazzjonijiet dwar ressponsabbiltà ta' prodotti jew korpi oħra m'għandhom l-ebda oġġezzjoni għall-kxif tad-dokumenti jew dikjarazzjonijiet ikkonċernati fl-intier tagħhom.

(5) Meta persuni, produtturi ta' prodott jew organizzazzjonijiet dwar responsabbiltà ta' produttur jew xi korpi oħra josservaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fis-subregolamenti (1) u (2), l-Awtorita għandha:

(a) jew provviżorjament taċċetta l-pretensjonijiet li jidhru li huma ġustifikati; jew

(b) tinforma lill-persuna, lill-produttur ta' prodott jew lill-organizzazzjoni dwar responasabbiltà ta' produttur jew lil korpi oħra li ma taqbilx mal-pretensjoni ta' kunfidenzjalità fl-intier tagħhha jew f'parti minnha, fejn ikun jidher li l-pretensjoni mhijiex ġustifikata.

(6) L-Awtorità tista' terġa' lura mill-aċċettazzjoni tagħha provviżorja fl-intier tagħha jew f'parti minnha fi stadju sussegwenti.

(7) Meta l-Awtorita ma taqbilx mal-pretensjoni ta' kunfidenzjalità mill-bidu, jew meta tkun tal-opinjoni li l-aċċettazzjoni provviżorja ta' kunfidenzjalità għandha titreġġa' lura, u għalhekk biħsiebha tikxef informazzjoni, l-Awtorità għandha tinforma lil tali persuna, produttur ta' prodott, jew organizzazzjoni dwar responsabbiltà ta' produttur jew xi korp ieġor, bil-miktub dwar l-intenzjoni tagħha li tikxef l-informazzjoni, tagħti r-raġunijiet tagħha u tistabbilixxi limitu ta' żmien li fih tali persuna, produttur ta' prodott, organizzazzjoni dwar responsabbiltà ta' produttur jew xi korp ieħor jistgħu jinfurmaw lill-Awtorità dwar l-opinjonijiet tagħhom. Hekk, wara s-sottomissjoni ta' dawk l-opinjonijiet, ma jkunx hemm qbil dwar il-pretensjoni ta' kunfidenzjalità, l-Awtorita għandha tieħu deċiżjoni dwar dan.

**9.** Kull persuna li tħoss ruħha aggravata b'deċiżjoni meħuda mill-Awtorità taħt dawn ir-regolamenti tista' tappella kontra dik id-deċiżjoni quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar fi żmien tletin (30) ġurnata min-notifika tad-deċiżjoni. Dritt ta' appell.

**10.** (1) Kull persuna li - Reati.

Draft

(a) tonqos milli tosserva xi dispożizzjoni ta’ dawn ir-regolamenti, jew xi ordni mogħti legalment skont xi dispożizzjoni ta’ dawn ir-regolamenti;

(b) tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni, ordni jew ħtieġa li joħorġu minn dawn ir-regolamenti, jew imposti mill-Awtorità skont dawn ir-regolamenti;

(ċ) taġixxi bi ksur ta’ xi dispożizzjoni ta’ dawn ir-regolamenti;

(d) tikkonfoffa ma’, tgħin, tħajjar, tagħti pariri, tipprokura jew xjentement tippermetti xi persuna oħra biex tikser jew tonqos milli tosserva xi dispożizzjoni ta’ dawn ir-regolamenti jew ta’ xi restrizzjoni, ordni, projbizzjoni jew ħtieġa imposta minn jew taħt dawn ir-regolamenti; jew

(e) tittanta li twettaq xi ksur indikat fil-paragrafi (a) sa (d),

tkun ħatja ta’ reat kontra dawn ir-regolamenti.

(2) Kull persuna li tikkommetti jew tittanta li tikkommetti reat kontra dawn ir-regolamenti teħel, meta tinstab ħatja:

(a) għall-ewwel kundanna multa ta’ mhux inqas minn elf, mija u ħamsa u sittin euro (€1,165) iżda mhux iżjed minn elfejn, tliet mija u tletin euro (€2,330);

(b) għat-tieni kundanna jew kundanni sussegwenti multa ta’ mhux inqas minn elfejn, tliet mija u tletin euro (€2,330), iżda mhux iżjed minn erbat elef, sitt mija u sitta u sittin euro (€4,666) jew priġunerija għal żmien ta’ mhux aktar minn sentejn, jew dik il-multa u l-priġunerija flimkien:

Iżda l-qorti għandha tordna lil kull persuna li tinstab ħatja li wettqet reat kontra dawn ir-regolamenti biex tħallas l-ispejjeż mġarrba mill-awtoritajiet kompetenti bħala riżultat tal-imsemmi reat, ir-revoka ta’ kull permess maħruġ mill-Awtorità u l-konfiska tal-*corpus delicti*, jekk ikun applikabbli.

Kap. 9. (3) Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 23 u 30(1) tal-Kodiċi Kriminali għandhom japplikaw għal proċeduri fir-rigward ta’ reati kontra dawn ir-regolamenti.

Draft